MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 5/2011

**Appell Nru: PAB 344/00 CF**

**Emmanuel u Rita Muscat u Pauline Borg u b'digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Novembru 2011 stante l-mewt ta' Pauline Borg il-gudizzju gie trasfuz f'isem Rita mart Emmanuel Muscat, Joseph Borg, Paul Borg u Raymond Borg bhala eredi tal-istess kif indikat b'nota taghhom datat 8 ta' Novembru 2011.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Anthony Gatt (ID 260553 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u l-kjamat in kawza Ghaqda

Socjali Muzikali Kristu Sultan datat 12 ta' Mejju 2011 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta li:-

1. Illi b'decizjoni tas-26 ta' April 2010, it-Trubunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **'Emmanuel u Rita Muscat u Pauline Borg kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan'** (Dok "KS 1") iddecieda li *'It-Tribunal ghalhekk qed jilqa' dan l-appell, jirrevoka l-permess PA 2282/99 u jordna li fi zmien xahar millum, l-applikant jinghata l-permess ghall-uzu ta' Kazin tal-Banda billi b'zieda mal-kundizzjonijiet imposti fil-permess originali, jizdiedu l-kundizzjonijiet necessarji biex jassiguraw li fil-Kazin tal-Banda ma' ssir l-ebda attivita' ta' bar, ta' jukebox, restaurant, barbeques u attivitajiet simili li jidhlu fil-Klassi 6 skont l-Avviz Legali 53 tal-1994 u attivitajiet ohra li mhux idoneji ma' zoni residenzjali".*

2. Illi r-rikorrenti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed tinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-fatti fil-qosor rigwardanti dan l-appell kronologikament huma s-segwenti:

(i) Illi fis-sena 1999 ir-rikorrent Anthony Gatt *nomine* applika sabiex fuq is-sit li jgib l-indirizz '10 a, Triq Guze D'Amato, Paola (Rahal Gdid)' jinghata permess kif isegwi:

*'Change of use from residential house to a band club'*

Illi fil-fatt nhar it-2 ta' Awwissu 2000 inhareg il-permess ta' zvilupp mitlub bil-kundizzjonijiet kif jidhru fl-istess permess ta' zvilupp anness dokument "KS 2".

4. Illi mill-hrug ta' dan il-permess sar appell minn terzi principalment abbazi ta' zewg lmenti kif isegwi:

a) L-ewwel aggravju jirreferi b'mod specifiku ghas-sitt kundizzjoni indikata fil-permess ta' zvilupp cioe` dik li tirregola il-livell tas-'sound' u taqra kif isegwi:

*'Sound level is not to exceed 60dB. Before compliance a sound check is to be carried by indiependent testers that the mitigation measures have achieved that attenuation that is specified in letter by applicant's architect dated 29th March 2000',*

Liema aggravju huwa dettat fid-decizjoni appellata;

b) It-tieni u t-tielet aggravju principalment jirrepetu l-ewwel aggravju fis-sens li joggezzjonaw ghal storbju minn gewwa l-kazin izda jkomplu billi jallegaw li s-sit jinsab f'zona residenzjali u li Rahal Gdid huwa gia moqdi b'Kazin iehor.

Illi l-appell quddiem dak iz-zmien il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sar kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biss izda konsegwentement giet kjamata fil-kawza l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

4. Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti li d-decizjoni tat-Tribunal hija nulla u bla effett *stante* li l-okkju tal-istess decizjoni ma jinkludix il-partijiet kollha involuti fl-applikazzjoni appellata quddiem l-istess Tribunal dak iz-zmien l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u dan ghaliex l-applikant fl-applikazzjoni bin-numru PA 2282/99 kien 'Anthony Gatt ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan' u mhux l-'Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan';

Illi *stante* li jirrizulta li l-applikant originali kien Anthony Gatt ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan, kif ukoll jirrizulta mill-atti li qatt ma ntalbet xi korrezzjoni fl-isem tal-applikant, jirrizulta evidenti li d-decizjoni appellata hija zbaljata ghal dak li huma l-ismijiet tal-partijiet tant illi thalli kompletament barra isem l-applikant li ghandu nteress dirett f'dawn il-proceduri.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Korporazzjoni Telemalta vs Giuma Nasser El Miludi"** datata 8 ta' Lulju 1998 minn liema decizjoni johrog car li jekk decizjoni tkun tikkontjeni zball fl-okkju taghha per konsegwenza din ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett. Issir ukoll referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Louise Anne Sultana vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** datata 14 ta' April 1997 deciza mill-Qorti tal-Appell fejn fil-fatt giet revokata decizjoni tal-Bord tal-Appell ghar-raguni li kien hemm zball fl-okkju fis-sens li Louise Anne Sultana ma kinitx applikat f'isimha personali izda ghan-nom ta' Kumpanija u dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni titstabilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif dentifikati fl-okkju, u jekk il-partijiet ma jkunx jirrizulta li gew korrettement identiftkati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn.*'

Dik il-Qorti prosegwiet billi tghid li dan l-izball jista' jigi retifikat izda mhux mill-Qorti tal-Appell izda mill-Bord tal-Appell. Fuq l-istess linja kienet id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Joe Grech et u Maurice Formosa vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar'** deciza nhar l-4 ta' Dicembru 1998. L-istess argument japplika ghal kaz in ezami.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-appellanti huwa wkoll car u manifest u jikkonsisti illi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija nulla u bla effett *stante* li l-appellanti (Hum appellati) Emmanuel u Rita Muscat naqsu milli jitolbu li jaghmlu t-trasfuzjoni tal-gudizzju *stante* l-mewt tal-appellanta l-ohra Pauline Borg li sehhet nhar l-14 ta' Jannar 2011 cioe' qabel l-ahhar seduta tas-smigh tal-appell quddiem it-Tribunal fejn fl-ahhar seduta l-apppell

intbaghat ghad-decizjoni (kopja tac-ceritfikat tal-mewt annessa Dok “KS 3”).

Illi l-esponenti jsostnu li n-nuqqas da parti tal-appellanti li jaghmlu l-legittimazzjoni tal-atti tal-appell wara li giet nieqsa l-appellanta Pauline Borg bil-konsegwenza li t-Tribunal gie indott li jaghti decizjoni fil-konfront ta’ persuna li kienet mejta ggib maghha n-nullita tal-istess decizjoni. F’dan l-istadju ssir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet ‘**Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina’** et deciza nhar l-20 ta’ Ottubru, 2003 mill-Qorti tal-Appell (549/1997/1) fejn dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

‘Huwa pacifiku illi l-avveniment tal-mewt ta’ wahda mill-partijiet meta l-kawza mhiex konkluza jopera necessarjament l-interruzzjoni tal-gudizzju, bil-konsegwenza tan-nullita` tal-atti li jsiru fil-perijodu interruttiv (Vol XLVI1T pll p858). Ghal kull buon fini tajjeb li jinghad ukoll illi dan il-principju mhux assolut meta l-kawza tkun waslet fl-istat li tkun tista’ tigi gudikata. “Il momento in cui la lite si trova in istato di essere giudicata, e in cui quindi cessa di esservi pregiudizio o pericolo di danno o disparita` di condizione per la parte cui l’evento interruttivo riguarda, e’ quello nel quale finita la discussione si differisce per deliberare e redigere la sentenza” **(“Vincenza Serra vs Riccardo Serra,** Appell Civili, 10 ta’ Gunju 1925 a Vol XXVI pI p176)’.

L-istess decizjoni taghmel ukoll referenza ghal decizjonijiet ohra fuq l-istess linja. L-esponenti jsostnu li ghandu jirrizulta mill-verbali tal-appell illi l-ahhar smigh ta’ dan l-appell sar wara l-mewt ta’ Pauline Borg cioe’ nhar il-25 ta’ Jannar 2011 izda l-appellanti naqsu milli jinfurmaw lit-Tribunal wisq anqas lill-partijiet l-ohra bil-mewt tal-appellanta l-ohra u lanqas talbu li jkun hemm it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghalkemm kellhom kull cans li jaghmlu hekk. L-esponenti saru jafu bil-mewt ta’ Pauline Borg recentement. L-esponenti jsostnu li mad-data tal-mewt ta’ Pauline Borg kien hemm l-interruzzjoni tal-gudizzju bil-konsegwenza li d-decizjoni li nghatat nhar is-26 ta’ April 2011 hija nulla u bla effett. Isostnu wkoll li ladarba l-appell fid-data tal-mewt ma kienx ghadu gie differit ghad-

decizjoni, *per conseguenza,* dan in-nuqqas ma jistax jigi retifikat izda jrendi d-decizjoni nulla.

**IT-TIELET AGGRAVJU**

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet aggravju tal-appellanti huwa wkoll car u manifest *stante* li t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar iddecieda punt ta' ligi hazin meta ddikjara li l-appell in kwistjoni kellu jigi kkunsidrat u determinat fil-kuntest tar-regim ta' *policies* u ligijiet tal-ippjanar vigenti fil-gurnata li nghatat id-decizjoni tal-istess Tribunal u mhux dak in-nhar li inghata il-permess ta' zvilupp cioe' lura fl-20 ta' Awwissu 2000.

Illi f'dan l-istadju l-esponenti jaghmlu referenza ghall-hames faccata tad-decizjoni l-ahhar paragrafu fejn it-Tribunal iddikjara kif isegwi:

*'Il-mertu ta' dan l-appell jrid jigi ikkunsidrat fil-kuntest tar-regim ta' policies u ligijiet tal-ippjanar li huma vigenti llum. Peress li ghaddew izjed minn hdax-il sena minn meta sar dan l-appell il-kambjament li sar f'dan ir-regim kien konsiderevoli.'*

Illi l-esponenti umilment jissottomettu li dan ir-ragunament da parti tat-Tribunal ma jaghmel l-ebda sens legali. Jigi sottomess li t-Tribunal kien obbligat li jiddeciedi l-appell abbazi tal-*policies* u ligijiet tal-ippjanar vigenti dak in-nhar illi nhareg il-permess ta' zvilupp *stante* li dawk kienu l-*policies* u ligijiet li l-Awtorita' hadet in konsiderazzjoni meta inhareg il-permess ta' zvilupp. Kwalunkwe ragunament iehor inkluz dak li applika t-Tribunal fis-sentenza tal-appell jaghti lok ghal abbuz tad-dritt tal-appell da parti ta' terzi kif espost illum fl-**artikolu 40 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi rizultat tal-konkluzjoni zbaljata da parti tat-Tribunal li kellhom jigu applikati ghall-appell in kwistjoni 'policies' u 'ligijiet' fid-data tad-decizjoni u mhux dak in-nhar li nhareg il-permess ta' zvilupp, l-appellati (illum appellanti) sabu ruhhom mcahhda mid-dritt taghhom tad-'doppio esame' ghaliex fil-fatt jirrizulta mid-decizjoni tat-Tribunal li l-applikazzjoni taghhom tista' tghid regghet giet

ikkunsidrata mill-gdid, abbazi ta’ ligijiet u ‘policies’ kompletament diversi minn dawk applikati originarjament u li abbazi taghhom originarjament inghata l-permess ta’ zvilupp. Rizultat ta’ hekk l-esponenti sabu ruhhom f’sitwazzjoni li ma jistghux f’ dan l-istadju jappellaw il-mertu tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell (ghaliex il-ligi tiprekludi d-dritt tal-appell fuq il-mertu) u dan meta l-esponenti qatt ma kellhom l-opportunita` li jirribattu, la fl-istadju tal-applikazzjoni kif ukoll lanqas fl-istadju tal-appell, l-applikazzjoni o meno ta’ legislazzjoni u ‘policies’ vigenti llum il-gurnata. Jigi rilevat li anki mill-verbali tal-appell jirrizulta li hadd mill-partijiet quddiem it-Tribunal qatt ma qajjem il-possibbilta’ li ghal dan l-appell kienu japplikaw ‘policies’ jew ligijiet diversi minn dawk applikabbli dak in-nhar li nhareg il-permess ta’ zvilupp originali ghaliex almenu li kieku tqajjem dan il-punt l-esponenti forsi setghu jitrattaw l-istess u jqajmu l-oggezzjoni taghhom izda dan ma sarx u din il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal giet kompletament b’sorpriza tal-esponenti u lediet ferm id-drittijiet taghhom bhala appellati fil-proceduri quddiem it-Tribunal.

**IR-RABA’ AGGRAVJU**

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba’ aggravju tal-appellanti huwa wkoll car u manifest *stante* li d-decizjoni tat-Tribunal f’dik il-parti fejn dahlet b’mod dettaljat sabiex taghti defmizzjoni ta’ x’inhu l-kuncett ta’ kazin tal-banda hija nulla u bla effett ghaliex fl-ewwel lok hija ‘ultra vires’ il-poteri tal-istess Tribunal u fit-tieni lok hija ‘ultra petita’ jew ‘extra petita’ dak mitlub mill-appellanti fl-istess appell.

Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghall-pagna 6 tad-decizjoni appellata fejn l-istess decizjoni taqra kif isegwi:

‘Il-kuncett originali ta’ kazin tal-banda huwa ta’ post fil-komunita’ fejn zghazagh jingabru biex jitghallmu jdoqqu l-istrumenti muzikali tradizzjonali tal-banda tal-belt jew rahal taghhom. It-tip ta’ muzika li tradizzjonalemnt tispecjalizza fiha din it-tip ta’ banda filarmonika huma marci religjuzi u brijjuzi li huma normalment ibbazati fuq muzika klassika

jew operistika. L-idea originali u fundamentali kienet li dan il-post ikun centru ta' kultura fil-komunita'.

Illum, f'certi kazi, dan il-kuncett gie mibdul u hafna minn dawn il-kazini jinkorporaw *bar* fihom u jdahhlu *jukebox* u attivitajiet ohra bhal *bar*beques, ecc, attiviatjiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-funzjoni tradizzjonli ta' kazin tal-banda.

Illum wiehed ukoll irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-baned tal-festi huma fil-maggor parti taghhom maghmulin minn bandisti semi-professjonali minn *bar*a l-lokalita' li jkunu mqabbdin bi hlas apposta biex idoqqu fl-okkazzjonijiet tal-lokalita'. Ghal din ir-raguni, meta jsir hekk, ma jkunx hemm bzonn li jitharrgu bandisti mil-lokal.

Dan ifisser li l-kuncett ta' kazin tal-banda illum jista' jkun differenti hafna minn dak li kien u li hafna baqghu jahsbu li ghadu. Din id-differenza hija krucjali mill-*punto di vista* ta' ppjanar ghaliex waqt li kazin tal-banda tradizzjonali ghandu certu impatt li jista' jkun accettabbli fil-pjazza tar-rahal, kazin tal-banda li l-uzu principali tieghu jsir semplicement dak ta' *bar* u/jew *restaurant bil-barbeque area* u li jkollu kamra fuq wara fejn okkazjonalment il-kumitat jaghmel laqgha certament mhux accettabbli.'

Illi l-esponenti jsostnu li t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma ghandux il-kompetenza *ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Kap. 504 tal-Ligjiet ta' Malta** li jaghti definizzjoni ta' x'inhu Kazin tal-Banda. Dak li gie rifless fil-parti tad-decizjoni hawn fuq ikkwotata hija unikament opinjoni suggettiva tal-membri tat-Tribunal u xejn aktar minghajr ma lanqas tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward quddiem it-Tribunal. Fill-fatt dak kollu msemmi f'din il-parti tad-decizjoni ma jirrizulta minn imkien mill-provi izda huma unikament kongetturi u supposizzjonijiet tat-Tribunal u dan ghaliex ma tressqu l-ebda provi la da parti tal-appellanti u wisq anqas da parti tal-appellati cioe' l-Awtorita' kif ukoll l-esponenti tal-uzu effettiv ta' kull kamra fi hdan dan il-kazin u lanqas il-frekwenza *o meno* ta' kemm jintuzaw. Ukoll huma biss kongetturi l-allegazzjonijiet li saru mit-Tribunal illi dan il-Kazin tal-Banda partikolari ma ghandux il-

bandisti tieghu jew li ghandu xi arja partikolari tas-sit riservata ghall-*barbeques!!!*

Illi *in oltre*, jidher car mill-appell tal-appellanti quddiem it-Tribunal li huma qatt ma talbu lit-Tribunal sabiex jidhlu f' definizzjoni ta' x'ghandu jew m'ghandux ikun hemm go kazin tal-banda.

Illi fuq kollox li kieku l-esponenti nghataw l-opportunita' li jressqu l-provi quddiem it-Tribunal ta' minn xiex verament jikkonsistu l-kazini tal-banda madwar Malta u Ghawdex, u dan ghal ghexieren ta' snin u mhux f'dawn l-ahhar snin kif jallega t-Tribunal, kienu jittellghu provi li ghal mill-anqas dawn l-ahhar sittin sena u aktar kull kazin tal-banda issib fih *bar* fejn jiltaqghu il-membri tal-istess kazin anki b'mod socjali flimkien mal-familjari taghhom u mhux unikament meta jkun hemm il-provi tal-bandisti, l-istess *bar* fi hdan il-kazin iservi bhala mezz kif jigu finanzjati l-istess kazini ghaliex dawn jinhargu bl-offerta kull tant zmien u din hija sistema li gejja minn zmien zemzem u mhux minn xi ghaxar snin ilu l'hawn kif jallega t-Tribunal, illi kull kazin tal-banda ghandu membri fi hdanu li mhumiex bandisti u li l-kazin ghalihom ifisser post fejn jiltaqghu u jghidu kelma bejniethom b'mod socjali u li kull kazin tal-banda f'Malta u Ghawdex sa minn bosta ghexieren ta' snin f'certu okkazzjonijiet bhal ma hi l-festa jorganizza certu attivitajiet bhal *bar*beques, ikliet u attivatijiet ohra sabiex ikun jista' jigbor fondi b'risq l-istess Kazin. L-isem tal-istess Ghaqda wkoll jikkontradixxi din l-interpretazzjoni li ta b'mod arbitrarju ghall-ahhar it-Tribunal ghaliex fil-fatt l-Ghaqda jiimha 'Ghaqda <u>Socjali</u> Muscikali Kristu Sultan'!

Illi izda jigi sottomess li ovvjament dawn il-provi qatt ma tressqu ghaliex id-definizzjoni jew il-kuncett ta' x'inhu jew x'ghandu jkun kazin tal-banda, liema definizzjoni wasslet sfortunatament ghad-decizjoni zbaljata da parti tat-Tribunal li jimponi kundizzjoni li l-ebda attivita' ta' *bar*, ta' *jukebox*, restaurant, *bar*beques u attivitajiet simili ma ssir gewwa l-kazin, <u>qatt</u> ma kienet il-kwistjoni quddiem it-Tribunal u tqajmet biss mit-Tribunal stess fid-decizjoni tieghu li ghalhekk in vista tas-suespost, hija 'ultra vires' il-kompetenza tat-Tribunal jew fin-nuqqas hija certament

‘ultra petita’ jew ‘extra petita’ dak mitlub mill-istess Tribunal fl-ittra tal-appell.

**IL-HAMES AGGRAVJU**

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hames aggravju tal-appellanti huwa wkoll car u manifest u jikkonsisti f’illi t-Tribunal applika l-ligi b’mod zbaljata u dan fl-interpretazzjoni tieghu u l-applikazzjoni tal-Avviz Legali 52, Development Planning (Use Classes Order) tas-sena 1994 ghall-kaz in ezami.

Illi ssir rreferenza ghas-sitt faccata tad-decizjoni fejn it-Tribunal fil-hames paragrafu jiddikjara kif isegwi:

‘Il-Avviz Legali 53, *Development Planning (Use Classes) Order, 1994,* tghid li Kazin tal-Banda ma’ ghandux ikollu klassi ta’ uzu. Min-naha l-ohra dan l-avviz legali jpoggi l-uzu ta’ *Bar* u dak ta’ *restaurant* fil-Klassi 6, Ikel u Xorb.’

Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu wara li jkompli janalizza dak li skont hu ghandu jkun Kazin tal-Banda, jasal ghall-konkluzjoni skorretta li ladarba dan l-Avviz Legali numru 53 jpoggi l-uzu ta’ *bar* u dak ta’ *restaurant* fil-Klassi 6 allura kull Kazin tal-Banda huwa eskluz milli jkollu *bar* u/jew *restaurant*. L-esponenti jsostnu li din l-interpretazzjoni hija wahda skorretta u ma tirriflettix l-Avviz Legali li ghalih saret referenza.

Illi ssir referenza ghall-**artikolu 4 tal-Avviz Legali 52** kkwotat mill-istess Tribunal liema artikolu jaqra kif isegwi:

‘Ebda haga f’xi klassi specifikata fl-Iskeda ma ghandha tinkludi xi uzu ghal xi wiehed minn dawn li gejjin:

(b) Kazin tal-banda, klabb socjali, sala taz-zfin jew tat-tigijiet, jew diskoteka.

Illi ghajr ghal dak hawn fuq ikkwotat dan l-Avviz Legali mkien aktar ma’ jsemmi Kazin tal-Banda. Dan ifisser li permezz ta’ dan l-artikolu giet eskluza l-applikabbilta’ tal-Avviz Legali 53 ghal Kazin tal-Banda li *per conseguenza*

ghandu jigi kkunsidrat bhala kaz *sui generis* u li ma jaqa' taht l-ebda wahda mill-klassijiet indikati f'dan l-Avviz Legali. Dan izda ma jfissirx dak li erronjament iddecieda t-Tribunal fid-decizjoni tieghu cioe' li allura Kazin tal-Banda ma jistax ikollu *bar* jew *restaurant,* anzi jfisser li f'kaz ta' Kazin tal-Banda ir-regoli applikabbli huma <u>sui generis</u> u mhumiex dawk imposti fl-Avviz Legali 53. Li kieku wiehed kellu japplika r-ragunament tat-Tribunal ghall-kazini kollha tal-banda ezistenti fil-gzejjer Maltin dan ifisser li kollha huma llegali ghaliex tista' tghid kollha ghandhom *bar* fihom jekk mhux ukoll *restaurant* u f'kull kazin jigu organizzati attivatjiet socjali bhal *barbeques* bl-ghan li jingabru fondi ghall-istess kazin. Jigi emfasizzat li l-fatt li kazini tal-banda huma trattati bhala xi haga *sui generis* fil-ligijiet ta' Malta mhux xi eccezzjoni ghall-Avviz Legali 53 izda johrog ukoll minn ligijiet ohra fosthom l-ligijiet tal-kera kif emendati f'liema ligijiet giet eskluza b'mod specifiku l-applikabbilta' taghhom ghall-Kazini inkluzi dawk tal-Banda (**artikolu 1525 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**). Dan l-artikolu sahansitra jtina definizzjoni ta' x'inhu kazin cioe` kull kazin registrat bhala hekk mal-Kummissarju tal-Pulizija skont id-disposizzjonijiet xierqa tal-ligi. Dan kollu jsahhah l-argument favur l-interpretazzjoni tal-esponenti li 'kazin' huwa entita *sui generis* u li japplikaw ghalih regoli diversi minn dawk kontenuti fl-Avviz legali 53 u mhux l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal.

Illi *in vista* da' dak suespost ghandu jirrizulta car lil din l-Onorabbli Qorti li dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn it-Tribunal ordna li jigi revokat il-permess originali u jinhareg permess iehor b'kundizzjonijiet li jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda attivita` li taqa taht Klassi 6 skont l-Avviz Legali 53 tal-1994 hija leglament zbaljata u b'hekk ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.

**IS-SITT AGGRAVJU**

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sitt aggravju tal-esponenti huwa wkoll car u manifest *stante* li t-Tribunal ddecieda punt ta' ligi b'mod zbaljat meta bbaza r-revoka tal-permess ta' zvilupp ghar-raguni li skont it-Tribunal iz-zona fejn jinsab is-sit koncernat hija wahda residenzjali u

b'hekk injora ghal kollox il-'commitment' massicc ta' stabiliment kummercjali li hemm fiz-zona li sabiex wiehed jispjega hija z-zona ta' hdejn il-knisja parrokkjali ta' Rahal Gdid li tista' tghid hija c-centru kummercjali tar-rahal.

Illi mill-lat ta' gurisprudenza ssir referenza ghall:

a) L-appell bl-ismijiet **D'Amato Consiglio vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp** deciz fl-24 ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Appell Superjuri dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'Din il-Qorti jidhrilha li kemm l-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, it-tnejn ghandhom is-setgha, minghajr ma jbiddlu t-Temporary Provision Schemes li jevalwaw kull kaz fuq il-mertu u fuq il-fattispeci proprji tieghu. In oltre, fejn ikun jirrizulta car li hemm cirkostanzi specjali ta' 'commitment', kemm l-Awtorita' u kif ukoll il-Bord ghandhom is-setgha gurisdizzjonali li johorgu permess ta' zvilupp li jkun jiddipartixxi, per ezempju mill- 'maximum height limitation' imposti fit-'termporary provision schemes.'*

b) Fis-sentenza fl-ismijiet **'Michael Gatt vs l-Awtorita` tal-Ippjanar'** datat 19 ta' Novembru 2001 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet is-segwenti:

*'ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta fl-ewwel lok li n-nuqqas tal-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li jittratta dawn il-lamenteli tal-istess applikanta nkluzi fl-istess aggravji l-kuncetti ta' 'committed area' u cerimus paribus, u dan fid-decizjoni stess tal-istess Bord, **jammonta ghall-punt ta' dritt.** li jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap. 356** u dan fih innifsu huwa ben distint mill-kwistjoni tal-fondatezza o meno tal-principji ta' committed area u cerimus paribus imressqa 'l quddiem mill-appellanti quddiem l-istess Bord, pero' certament li ghandu jkun hemm decizjoni dwarhom li tispetta fl-ewwel lok lill-istess bord medesimu, li huwa t-Tribunal vestit mil-ligi bil-kompetenza esklussiva li jiddeciedi dwar il-punti kollha mressqa quddiemu, kemm dwar fatt u kemm dwar dritt, u*

*suffett biss ghal din il-Qorti fuq appell fuq punt ta' dritt deciz bill-istess Bord.'*

Dak suespost gie wkoll konfermat fid-decizjoni fl-ismijiet **'Vella Jimmy vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp'** datata 24 ta' Marzu 2003 moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell.

c) Fid-decizjoni fl-ismijiet **'Gauci Santino vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp'** deciza wkoll fl-24 ta' Marzu 2003 minn din l-istess Onorabbli Qorti inghad kif isegwi:

*'Illi min dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Bord ikkonsidera l-ligi u r-regolament kollha in materja, u wkoll l-pricnipju li fil-ligi ta' zvilupp u tal-ippjanar ghandu certa konsistenza u mportanza tant li gie rikonoxxut diversi drabi mill-istess organi tal-Qrotia' li hargu l-imsemmija permessi medisimi fuq l-istess inhawi, (u anke f'inhawi ohra f'Malta) u doe' 'committed area' jew 'committed zone' u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, applika l-istess principji korrettament, stante li rrizulta bla ebda dubju mill-istess appell li verament l-istess area kienet wahda 'committed' ghal zvilupp kummercjali, tant li l-istess sit de quo kien munit propjru b' permess kummercjali, mahrug validament mill-istess Awtorita' tal-Ippjanar.'*

Il-prinipji enuncjati fid-decizjonijiet hawn fuq kwotati gew ghal darb'ohra konfermati minn din l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni bl-ismijiet **'Mangion Andrew vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp'** datata 27 ta' Ottubru 2003, **'Joseph Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp'** datata 25 ta' Frar 2010 u **'Natalino Debono vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp'** bl-istess data.

Illi l-esponenti huma tal-opinjoni li sabiex it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni fid-decizjoni tieghu li z-zona in kwistjoni hija wahda residenzjali bilfors injora ghal kollox l-ezistenza ta' bosta stabilimenti kummercjali fl-istess triq tal-Kazin in kwistjoni kif ukoll fil-pjazza tal-Knisja apparti l-bosta stabilimenti ezistenti fit-toroq tal-madwar. Dan huwa bi ksur tal-**artikolu 69 (2) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta**

li t-Tribunal huwa marbut li jimxi mieghu fid-decizjonijiet tieghu. L-esponenti jsostnu li l-‘commitment’ fiz-zona tikkwalifika bhala ‘haga ohra ta’ sustanza’ li t-Tribunal kellu jgharbel sew qabel ma jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-konluzjoni zbaljata da parti tat-Tribunal ukoll wasslet ghal decizjoni zbaljata legalment meta fid-decide mpona l-kundizzjoni li teskludi kwalunwke attivita` li taqa’ taht Kalssi 6 tal-Avviz Legali 53 tal-1994 ‘u attivitajiet ohra li mhux idoneji ma’ zoni residenzjali’ (ara l-ahhar sentenza tad-decizjoni)

Illi anki ghal din ir-raguni s-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla u revokata.

Ghaldaqstant, l-appellanti, filwaqt illi jaghmlu referenza ghall-provi gia’ prodotti u jirriservaw li jgibu provi ohra skont il-ligi u li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tilqa’ l-aggravji kollha taghhom u tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **‘Emmanuel u Rita Muscat u Pauline Borg vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** u l-kjamat in kawza Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan’ tas-26 ta’ April 2011 u tikkonferma l-permess ta’ zvilupp bin-numru PA 2282/99 jew fin-nuqqas tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lit-Tribunal sabiex jiddieciedi l-kwistjoni skont il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011.

Rat ir-rikors tal-Ghaqda Socjeta` Muzikali Kristu Sultan datata 28 ta’ Ottubru 2011 a fol 50 tal-process fejn: (1) ordnat n-notifika ta’ dan ir-rikors lil Rita Mucat bhala l-werrieta prezunta tal-mejta Pauilne Borg, (2) u fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni ta’ Rita Muscat fi zmien xahar min-notifika lilha ta’ dan ir-rikors, tordna *ex officio* l-hatra ta’ kuratur *ad litem* sabiex dan jirrapprezenta l-interessi tal-mejta Pauline Borg fil-kawza skont l-**artikolu 809 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta**; u l-Qorti laqghet l-ewwel talba u

ordnat n-notifika lil Rita Muscat b' jumejn zmien ghar-risposta, kif jidher bid-digriet moghti fl-1 ta' Novembru 2011 (fol 55).

Rat in-nota ta' Rita mart Emanuel Muscat, Joseph Borg, Paul Borg u Raymond Borg ilkoll ahwa Borg datata 8 ta' Novembru 2011 a fol 58 tal-process li permezz taghha b' referenza ghar-rikors tal-Ghaqda Socjeta` Muzikali Kristu Sultan u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta' Novembru 2011, jiddikjaraw li huma l-eredi ta' ommhom Pauline Borg li mietet fl-14 ta' Jannar 2011, u bhala tali jixtiequ jissoktaw l-appell fl-ismijiet premessi minflok id-decujus.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2011 a fol 57 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Emmanuel U Rita Muscat u Pauline Borg vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 28 ta' Novembru 2011 a fol 59 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir *ai termini* tal-**artikolu 41(6) tal-Kap. 504** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tat-Tribunal ghandha tkun finali. Appell mill-appellant, jew minn kull partijiet ohra fl-appell, ghandu jkun fil-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-***artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** *minn dawn id-decizjonijiet bissfuq punti ta' ligi decizi mit-Tribunal fid-decizjoni taghha."*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza ***Emanuel Mifsud vs Kummissjoni***

***ghall-Kontroll tal-Izvilupp*** *(decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996)***,** fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi... ...Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li jkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

2. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant jinghad li l-ommissjoni ta' isem Anthony Gatt ma tirrendix id-decizjoni nulla kif allegat mill-appellant in kwantu l-imsemmija persuna mhix parti fil-kawza izda hija l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan. Ghalhekk m'huwiex minnu li Anthony Gatt ghandu interess dirett ghaliex ma kienx qed jidher fil-kawza f'ismu proprju. Kif jirrizulta mis-sentenza citata mill-appellanti stess fir-rigward tal-istess aggravju, l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan tissemma' u ghalhekk hija identifikata bhala parti mill-appell.

3. Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, jinghad li wara l-mewt ta' Pauline Borg l-appell thalla ghad-decizjoni u ghalhekk il-mewt taghha m'affettwax l-andament tal-appell u kwindi d-decizjoni m'ghandiex tigi ddikjarata nulla.

4. Fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant, il-Tribunal kien korrett meta applika l-*policies* li kienu vigenti dakinhar li nghatat id-decizjoni u mhux dawk meta saret l-applikazzjoni (vide ***Angela Farrugia vs MEPA*** deciza fl-24 ta' April 1996).

5. Illi fir-rigward tar-raba' aggravju, fl-ewwel lok jinghad li t-Tribunal ghandu d-dritt li jissindika dwar l-attivitajiet tal-Ghaqda sabiex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu ghal finijiet tal-appell imressaq quddiemu u fit-tieni lok, il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom it-Tribunal f'dan ir-rigward ma jikkoncernawx punt ta' dritt izda punt fattwali.

6. Illi fir-rigward tal-aggravji l-ohra, jinghad li huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tar-regoli u l-*policies* dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mit-Tribunal mhijiex sindakabbli, kien ikkonfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti (**Dr. Alfred Grech vs Awtorita` tal-Ippjanar**, sentenza tal- 31 ta' Mejju 1996, Appell Nru 93/94). Ghalhekk it-Tribunal ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-interpretazzoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

Altrimenti din l-Onorabbli Qorti tkun qieghda tissostitwixxi id-diskrezzjoni tat-Tribunal u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Dan kien konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Angela Farrugia vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar*** *(decizjoni tal-24 ta' April 1996)* fejn l-aggravju tal-appellant kien li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod skorrett il-Pjan ta' Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjoniiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati:

*"Tali interpretazzjoni...hija esklussivament fil-mansjoni tal-esercizzju tal-poteri tal-organi tal-Awtorita' tal-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord tal-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qieghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f'materja teknika li tispetta biss skont il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b'ligi biex jiddetermina materji ta' din ix-xorta."*

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 26 ta' April 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fis-26 ta' April 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma tad-29 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Joanne Vella Cuschieri ghall-appellant u Dr. George Anton Buttigieg ghall-istess, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Il-Qorti rat in-nota ta' Emanuel Muscat, Joseph Borg, Paul Borg, u Raymond Borg datata 8 ta' Novembru 2001 u l-Qorti ordnat ssir it-trasfuzjoni tal-guzizzju f'isimhom bhala eredi ta' Pauline Borg li mietet fil-mori tal-kawza, u dan ghandu jigi rifless fl-okkju tal-kawza. Posposta. Meta rega' ssejjah l-appell deher ukoll Dr. Albert Libreri li ta ruhu b'notifikat ghall-appallati kollha, hlief il-MEPA, bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bir-rikors tal-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar huwa null u bla effett ghaliex fl-okkju tad-decizjonijiet ma jidhrux il-partijiet kollha li kienu parti quddiem l-istess Tribunal, u hawn l-appellanti qed jirreferi ghall-fatt li l-applikazzjoni saret f'isem Anthony Gatt ghan-nom u in rappresentanza ta' l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u mhux Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan. Dan l-aggravju huwa bla ebda bazi legali ghaliex il-parti attwalment kienet l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u allura l-partijiet kollha fl-istess appell kienu ndikati fid-decizjoni tat-Tribunal u ghalhek ma hemm lok ta' ebda nullita' ghaliex il-kaz odjern huwa differenti minn dak indikat fis-sentenzi citati mill-appellanti fl-ismijiet **"Korporazzjoni Telemalta vs Giuma Nasser El Miludi"** (A.C. - 8 ta' Lulju 1998) u **"Louise Anne Sultana vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** datata 14 ta' April 1997 fejn hemmhekk jew thalla isem ta' parti barra jew giet indikata persuna fl-okkju tad-decizjoni f'veste differenti minn dik li kienet assumiet fil-proceduri u mela allura dan l-ewwel aggravju qed jigi

michud. B'danakollu din il-Qorti mhux qed tinkoraggixxi l-agir attwalment adottat mit-Tribunal u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li jehtieg li tintuza kawtela u l-ismijiet jigu ndikati kif indikati mill-partijiet stess. F'dan il-kaz l-applikazzjoni kienet mill- Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u d-decizjoni inghatat f'dawk l-ismijiet peress li Anthony Gatt kien qed jidher ghan-nom tal-istess.

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex jirrizulta li Pauline Borg li kienet ghamlet l-appell mietet fl-14 ta' Jannar 2011 u dan ma giex registrat fid-decizjoni. Jirrizulta li fil-fatt fis-seduta quddiem it-Tribunal li inzammet fil-25 ta' Jannar 2011 kull ma gara kien li l-procedura giet mibghuta ghas-sentenza li inghatat fis-26 ta' April 2011, u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti l-kawza kienet waslet ghad-decizjoni u fuq kollox hadd mill-partijiet ma indika dan lill-istess Tribunal u ghalhekk dan ma ghandux jimporta n-nullita' tad-decizjoni tieghu. Illum kif mitlub l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi tal-imsemmija Pauline Borg, abbazi ta' nota prezentata mill-eredi u ghalhekk ma hemm l-ebda lok li l-istess decizjoni tat-Tribunal tigi ddikjarata nulla ghaliex ma hemmx il-presupposti ghal dan ghaliex ghalhekk il-kawza kienet waslet sabiex tista' tkun gudikata (**"Ivan Borg proprio et nomine vs George Aquilina"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi t-tielet aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal applikat il-ligi hazin ghaliex imxiet dikjaratament fil-kuntest ta' policies u ligijiet ta' l-ippjanar vigenti fil-gurnata meta inghatat id-decizjoni ta' l-istess Tribunal meta skond l-appellanti l-istess Tribunal kellu jimxi fuq il-policies u l-ligijiet ta' l-ippjanar vigenti fiz-zmien li nhareg il-permess li minnu sar appell minn terzi. Jidher li dak li qed jallega l-appellanti nomine huwa minnu ghaliex fid-decizjoni inghad li peress li ghaddew izjed minn hdax-il sena minn meta sar dan l-appell mela allura l-istess Tribunal kien ser jiehu konjizzjoni ta' dak li rrefera ghalih bhala l-kambjament li sar f'dan ir-regim. Fil-fatt huwa relevanti ghal din il-konsiderazzjoni li l-permess  PA 02282/99 kien hareg fit-2 ta' Awwissu 2000 wara applikazzjoni li saret fil-11 ta'

Mejju 1999 u ma hemm l-ebda dubju li l-istess Tribunal hekk ghamel tant li fid-decizjoni tieghu rrefera specifikatament ghal diversi policies li kienu tbiddlu mill-mument li hareg il-permess sa meta inghatat l-istess decizjoni u saret riferenza wkol ghal Pjan Lokali li dahal fis-sehh biss fis-sena 2006. Jidher ukoll li fuq kollox hadd mill-partijiet ma qajjem dan il-punt, u iktar sinifikanti u relevanti ghal dan l-aggravju hija s-sottomissjoni li l-appell ta’ terz lanqas kien u lanqas seta` jkun ibbazat fuq dawn il-punti, b’dan li jidher li allura t-Tribunal jidher li ddecieda l-kaz mhux fuq l-aggravji mqajjma mill-appellanti quddiemu u allura ddecieda fuq punti li lanqas biss kellu quddiemu, b’dan allura li l-istess Tribunal ta u mmotiva d-decizjoni tieghu fuq punti li kienu jesorbitaw mill-aggravji u punti li ssolevaw quddiemu l-partijiet u ghalhekk dan irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett, proprju ghaliex l-istess Tribunal kellu jiddeciedi biss fuq l-aggravji mressqa quddiemu mill-appellanti quddiemu li kienu fid-dawl tal-policies hemm vigenti, u huwa fuq dan li kellu jiddeciedi. B’hekk ma kellux japplika ghall-istess kaz odjern u cjoe’ permess mahrug fis-sena 2000 policies li hemm illum ghaliex f’dan il-kaz l-appell ma kienx fuq hekk, izda proprju fuq dak sottomess mill-konjugi Muscat u Pauline Borg fl-ittra tal-appell taghhom datat 28 ta’ Awwissu 2000. Dan ifisser mhux biss dak li sostna l-appellant, li lanqas b’hekk inghataw cans jaghtu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-istess, izda jidher li nghatat decizjoni fuq punti li qatt ma kienu quddiem it-Tribunal, ghaliex l-aggravju quddiemu kien fuq dak li kienet tipprovdi kondizzjoni sitta tal-permess dwar il-livell ta’ hoss, u li l-bdil ta’ uzu propost kien jikkostitwixxi *bad neighbourness* u li l-istess bdil ta’ uzu bhala kazin inghata f’zona residenzjali, haga li jidher li bhala fatt it-Tribunal ma iddecieda fis-sens li ma kien hemm ebda policy li ma kienitx tippermetti l-uzu ta’ fond bhala kazin u allura t-Tribunal ma accettax l-appell kif propost mill-appellanti, izda mhux ghall-aggravju mressaq izda ghar-ragunijiet ohra li huwa hareg bihom biss fid-decizjoni, izda xorta jibqa’ l-fatt li t-Tribunal ma qabilx mal-aggravji mressqa fuq dan il-punt ghaliex xorta wahda hareg permess ghall-kazin tal-banda. B’hekk dan l-aggravju qed jigi milqugh fis-sens hawn deciz. Jinghad li lanqas huwa sew li appell fuq permess li jdum pendenti

quddiem il-Bord dawn is-snin kollha jigi pregudikat b'appell ta' terz li jdum pendenti kwazi tnax il-sena, u allura jigi affettwat b'allegati policies li setghu jkunu hargu fil-frattemp, b'dak li dak in-nhar kien permissibbli, jigi f'daqqa wahda imwaqqaf, wara li gie mahrug il-permess, b'policies li hargu fil-mori tal-appell, u d-dewmien fid-decizjoni tal-Bord tippregudika serjament lill-applikant.

Illi r-raba' aggravju huwa fis-sens li d-definizzjoni ta' kazin provduta mit-Tribunal hija *ultra vires* u l-poteri tat-Tribunal *extra petita* ghaliex dan ma kienx il-punt li l-appellanti qajmu quddiem l-istess Tribunal jew Bord. Dwar l-ahhar punt din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minn din il-Qorti dwar it-tielet aggravju u fuq din il-bazi biss dan l-aggravju huwa ghalhekk gustifikat. Dwar l-ewwel punt jidher car li t-Tribunal ma kellux il-kompetenza li jiddeciedi x'inhu kazin skond il-ligi u dan meta l-kwistjoni quddiemu qatt ma kienet ghaliex il-partijiet ma kienux qed jaqblu x'inhu kazin u hadd mill-partijiet ma saqsa ghal tali definizzjoni u ghalhekk anke fuq dan il-punt l-ewwel punt dwar dan l-aggravju qed jigi milqugh. Issir obiter riferenza ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 69 (1) (a) (ii) tal-Kap. 504** (simili ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 33 (1) (a) (ii))** li l-Awtorita' ghandha tapplika *policies* izda dawn ma ghandhomx jigu applikati retroattivament b'mod li jolqtu kuntrarju drittijiet akkwiziti li jirrizultaw minn permess ta' zvilupp validu, u dak li sar appell minnu huwa permess validu ghal bdil ta' uzu ta' kazin tal-banda u l-appell kien limitat biss ghall-aggravji mressqa f'dak l-appell.

Illi dwar il-hames aggravju jinghad li l-Avviz Legali 53, Development Planning Classes Order 1994 jipprovdi li Kazin tal-Banda ma ghandux ikollu klassi ta' uzu, mela allura l-istess Tribunal kien zbaljat meta kkonkluda li la darba l-istess Avviz Legali ipoggi l-uzu ta' bar u dak ta' restaurant fi Klassi 6, mela allura kazin tal-banda ma' jistax ikollu bar jew restuarant. Din il-Qorti thoss li l-interpretazzjoni kif moghtija tal-istat tal-ligi mill-appellant odjern hija fil-fatt legalment korretta b'dan li l-**artikolu 4 tal-Avviz Legali 53 tal-1994** jeskludi l-attribuzzjoni ta' Klassi ghall dak li huwa kazin tal-Banda, b'dan allura li dak provdut fl-istess Avviz Legali ma jorbotx lil Kazin tal-

banda, klabb socjali sala taz-zfin jew tat-tigijiet jew diskoteka, u dan huwa wkoll logiku konsidrat bhala fatt x'jinkludi fih kazin tal-banda f'kull parti ta' Malta u Ghawdex. B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll milqugh b'dan li din il-Qorti tiddikjara li dak kontenut fl-istess decizjoni tat-Tribunal dwar id-definizzjoni ta' Kazin hija legalment zbaljata u bir-rispett dovut lill-istess Tribunal *non sequitur.*

Illi dwar is-sitt aggravju jinghad li fid-decizjoni tieghu l-istess Tribunal kkonsidra z-zona fejn hemm tali zvilupp bhala wahda residenzjali, u allura ma kkonsidrax il-*commitment* li hemm fl-istess zona li huwa wiehed kommess ghal kull attivita' nkluza dik kummercjali, socjali, kulturali, u civika, u fil-fatt hekk gie sottomess mill-appellanti odjern. Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa wkoll gustifikat ghaliex dan il-punt lanqas biss gie trattat mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu u dan fuq l-iskorta tas-sentenzi citati mill-appellanti jrendu l-istess decizjoni bhala nulla u bla effett skond kif deciz fis-sentenzi fl-ismijiet **"D'Amato Consiglio vs Kummissjoni Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C. - 24 ta' Mejju 2004); **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2011); **"Jimmy Vella vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003); **"Santino Gauci vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003); **"Andrew Mangion vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2003); **"Joseph Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 25 ta' Frar 2010); u **"Natalino Debono vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 25 ta' Frar 2010). F'dan l-aspett jidher li l-istess Tribunal injora wkoll l-applikazzjoni tal-**artkikolu 69 (2) tal-Kap. 504** ghaliex il-commitment taz-zona hija wkoll *"haga ohra ta' sustanza"* li t-Tribunal huwa obbligat legalment li josserva. Dan apparti li fl-istess artikolu jinghad li dak li l-ligi tirreferi ghalihom bhala *"konsiderazzjonijiet materjali inkluza konsiderazzjonijiet bbazata fuq l-ezistenza ta' binjiet fil-madwar ma tistax tintuza sabiex izzid il-limitazzjoni tal-gholi stabilita' fil-pjan"* (dan ovvjament ghall-applikazzjoni li saru wara li dahal in vigore l-istess **Kap. 504),** u allura tali konsiderazzjonijiet

dwar ezistenza ta’ binjiet fil-madwar tista’ u ghandha tintuza anke wara li gie fis-sehh l-istess Kap ghal dawk il-konsiderazzjonijiet li ma ghandhomx x’jaqsmu mal-gholi permessibbli ta’ bini.

Illi b’hekk dan l-appell qed jigi milqugh abbazi tat-tielet, ir-raba’, il-hames u sitt aggravju u b’hekk id-decizjoni tat-Tribunal qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u l-atti rimesssi lit-Tribunal sabiex il-kaz jigi deciz konformament mal-Ligi u ma’ dak deciz f’din id-decizjoni.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-Awtorita’ appellata datata 28 ta’ Novembru 2011, u filwaqt li tichad l-ewwel zewg aggravji tal-appellanti Anthony Gatt nomine fir-rikors tal-appell tieghu ghan-nom ta’ l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u l-kjamat fil-kawza Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan datat 12 ta’ Mejju 2011, tilqa’ it-tielet, ir-raba’, il-hames, u s-sitt aggravju fl-istess rikors tal-appell u dan biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz, u b’hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **“Emmanuel Borg et vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et” (344/00 CF)** tas-26 ta’ April 2011 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar kompost skond il-Ligi u anke ai termini tal-**artikolu 40** inkluz **subartikolu (3) tal-Kap. 504** u dan sabiex jiddeciedi l-kaz skond il-ligi u billi josserva dak kollu hawn deciz u b’hekk jiddeciedi l-istess applikazzjoni mertu ta’ dan l-appell fid-dawl ta’ dak deciz f’din is-sentenza.

Illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata u tal-appellati l-ohra Emmanuel Muscat et solidalment bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------